**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

**SEBA' LEĠISLATURA**

# Laqgħa Numru 60

**10 ta' Awwissu, 2017**

**Il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Highrise Appartments Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fl-erbgħa u nofs ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli – Viċi Sindku**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**
**Frank Roe - Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**Clayton Xuereb – Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

## 60.1 Qari ta' ittri ta' Apoloġiji

**60.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier L Cachia Castelletti li ma setatx tattendi l-laqgħa minħabba raġunijiet ta' saħħa. Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandux isir nuqqas fl-*allowance*.

## 60.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.

**60.2.1** Il-minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni.

Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.

## 60.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

**60.3.1** Is-Sindku Max Zammit ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**60.3.2** Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier F Roe ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier E Muscat issekonda.

Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.

## 60.4 Kuntratt ta ġbir ta borża griża;

**60.4.1** Is-Sindku Max Zammit qal li s-Segretarju Eżekuttiv għaddielu informazzjoni li kien hemm żewġ skemi li ppreżentaw offerti għal ġbir ta' skart riċiklabbli. Dawn kienu *Greenpak* u *Green MT*. Iż-żewġ operaturi daħħlu l-offerti tagħhom fil-ħin it-Tlieta 25 ta' Lulju.

**60.4.2** Is-Segretarju Eżekuttiv spejga l-offerti taż-żewġ operaturi u għadda d-dokumenti lill-kunsilliera biex tkun tista tittieħed deċiżjoni dwar l-aġġudikazzjoni tal-kuntratt. Qabel ittieħdet id-deċiżjoni is-Sindku stqarr li xtaq li il-kunsill jiltaqa ma l-operatur li jkun intagħżel biex naraw li jkun jista jilħaq il-miri u l-aspettattivi tal-kunsill u wara jigi iffirmat il-kuntratt.

**60.4.3** Ittieħed vot: Is-Sindku M Zammit, il-Viċi Sindku R Portelli u l-Kunsillier F Roe kienu favur li l-kuntratt jinagħta lil-*Greenpak* filwaqt li l- kunsillier E Muscat astjena.

**60.4.4** E Muscat astjena minħabba li kien deċiż li l-kunsill jiltaqa biss ma l-operatur li jkun intagħżel u mhux maż-żewġ operaturi li tefgħu l-offerta.

**60.4.5** Is-Sindku Max Zammit, il-Viċi Sindku R Portelli u il-kunsillier Frank Roe qalu li l-kunsill rabba ċertu rapport ma *Green MT.* Huma qalu li l-fatt li *Green MT* tefgħu lill-Kunsill f'pożizzjoni li jkollu jħallas għal ġabra tal-Ħamis fil-passat weġġgħathom u għaldaqstant xtaqu li l-kunsill jipprova l-iskema l-oħra.

## 60.5 *European Week for waste reduction*

**60.5.1** Is-Sindku Max Zammit qal li bejn it-18 u is-26 ta' Novembru ħa jkun hemm il-*European Week for Waste Reduction (EWWR)*. Il-kunsilli lokali qegħdin jiġu imħeġġa biex jipparteċipaw u s-Sindku wera l-interess li nieħdu sehem. Huwa qal li l-ideja tiegħu hija li nnadfu l-baħar f'Ta' Xbiex. Il-Kunsill kompla jiddiskuti l-proponiment tas-Sindku kien hemm qbil dwar il-parteċipazzjoni tar-residenti, tal-*yacht clubs* u l-*businesses fl-area* u tal-kuntratturi tal-kunsill. Kien hemm qbil ukoll li għandna nieħdu parir mingħand il-*Wasteserv* dwar din l-ideja.

Il-Kunsill qabel li għandna nieħdu sehem b'mod unanimu.

## 60.6 Funtani

**60.6.1** Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv infurmah li d-dipartiment tal-*Public Works* staqsewh jekk il-kunsill ta' Ta' Xbiex ikunx interessat biex jieħu f'idejh il-funtana li tinsab max-xatt. Dan minħabba li t-*tender* li kellhom għal manteniment tal-funtana għalaq. Il-kunsillier E Muscat qal li għandna nevalwaw l-ispejjeż li tinvolvi u għandha tintalab laqgħa.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandna niltaqgħu mad-Direttorat tal-*Public Works.*

## 60.7 *Post mortem* ta' l-attivita' *Connecting through Culture;*

**60.7.1** Din il-materja ma gietx diskussa f'din il-laqgħa.

## 60.8 *Korsijiet Edukattivi;*

**60.8.1** Is-Sindku innota li l-Kunsill ġie offrut żewġ korsijiet edukattivi. Dawn huma dwar *Sex Therapy* u ieħor dwar il-vjolenza domestika.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-Kunsill għandu jmexxi bil-kors dwar *Sex Therapy.*

## 60.9 Rapporti mill-Kunsilliera

**60.9.1** Il-Kunsillier E Muscat ilmenta li hawn numru ta' residenti li qegħdin jitfgħu ilma mil-gallarija għal isfel. Hemm min jitfgħu waqt li jkun qiegħed jaħsel u oħrajn li jitfgħuh meta jkunu qegħdin isaqqu ix-xtieli tagħhom.

Il-Kunsill qabel li din il-materja għandha tiġi diskussa iktar il-quddiem.

## 60.10 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir it-Tlieta 3 ta' Ottubru, 2017 fil-5.00 ta' filgħaxija.

**60.10.1 Il-laqgħa intemmet fis-6.50 ta' filgħaxija.**

**Konfermati, illum it-Tlieta 3 ta' Ottubru, 2017.**

| | |
|---|---|
| **_IFFIRMATA_** | **__IFFIRMATA______** |
| **Max Zammit** | **Clayton Xuereb** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |